



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 97/22

il-Lussemburgu, 8 ta' Ġunju 2022

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawżi magħquda T-26/21, T-27/21 u T-28/21 | Apple vs EUIPO - Swatch (THINK DIFFERENT)

Apple u Swatch “THINK DIFFERENT”

Il-Qorti Ġenerali tiċċad ir-rikorsi ppreżentati minn Apple Inc. kontra d-deċiżjonijiet tal-EUIPO li permezz tagħhom ġiet iddikjarata r-revoka tas-sinjal verbali THINK DIFFERENT.

Fl-1997 (T-26/21), fl-1998 (T-27/21) u fl-2005 (T-28/21), ir-rikorrenti, Apple Inc. kisbet ir-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali THINK DIFFERENT bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea. Il-prodotti li għalihom intalbet ir-reġistrazzjoni huma, fost oħrajn, prodotti informatiċi, bħal kompjuters, terminals tal-kompjuters, tastieri, hardware, software u prodotti multimedjali.

Fl-2016, l-intervenjenti, Swatch AG ressqet quddiem l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (l-EUIPO) tliet talbiet għar-revoka tat-trade marks ikkontestati. Il-kumpannija sostniet li ma kienx sar użu ġenwin mit-trade marks ikkontestati fir-rigward tal-prodotti kkonċernati matul perijodu kontinwu ta' ħames snin.

Fl-24 ta' Awwissu 2018, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO ddikjarat ir-revoka tat-trade marks ikkontestati fir-rigward tal-prodotti kollha kkonċernati, sa mill-14 ta' Ottubru 2016. Ir-rikorsi ppreżentati minn Apple Inc. kontra d-deċiżjonijiet tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni ġew miċħuda mir-Raba' Bord tal-Appell. F'Jannar 2021, Apple Inc. ippreżentat tliet rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Permezz tas-sentenza tagħha mogħtija llum f'dawn it-tliet kawżi, il-Qorti Ġenerali qegħda tiċċad ir-rikorsi.

Fil-fehma tagħha, hija Apple Inc. li kellha turi quddiem l-EUIPO l-użu ġenwin ta' dawn it-trade marks fir-rigward tal-prodotti kkonċernati matul il-ħames snin qabel l-14 ta' Ottubru 2016 (id-data tal-preżentata tat-talbiet għal revoka), jġigifieri bejn l-14 ta' Ottubru 2011 u t-13 ta' Ottubru 2016.

Permezz tar-rikors tagħha, Apple Inc. ilmentat, b'mod partikolari, li l-Bord tal-Appell ma qisietx il-livell ta' attenzjoni għoli tal-pubbliku rilevanti fl-evalwazzjoni tal-użu ġenwin tat-trade marks ikkontestati. B'mod partikolari, hija kkontestat il-konklużjoni tal-Bord tal-Appell, li abbażi tagħha l-pubbliku rilevanti kien jinjora faċilment it-tikketti mwaħħla fuq l-imballaġġ ta' kompjuter iMac, li fuqhom kien hemm it-trade marks ikkontestati. Skont il-Qorti Ġenerali, Apple **ma wrietx li** t-teħid inkunsiderazzjoni ta' livell ta' attenzjoni għoli kien iwassal lill-Bord tal-Appell jqis li l-konsumatur kien ikun eżamina l-imballaġġ fl-inqas dettall u li kien ikun ta' attenzjoni partikolari għat-trade marks ikkontestati. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tiċċad l-ilment ta' Apple li l-Bord tal-Appell naqas, b'mod żbaljat, milli jjeħu inkunsiderazzjoni ċ-ċifri tal-bejgħ ta' kompjuters iMac fl-Unjoni kollha, prodotti fid-dikjarazzjoni tax-xhud tat-23 ta' Marzu 2017. Ir-rapporti annwali għas-snin 2009, 2010, 2013 u 2015, annessi mal-imsemmija dikjarazzjoni, fihom biss informazzjoni dwar il-bejgħ nett dinji ta' kompjuters iMac u ma jipprovdu madankollu l-ebda kjarifika dwar i-ċifri tal-bejgħ ta' kompjuters iMac fl-Unjoni.

Apple ilmentat ukoll dwar il-konklużjoni tal-Bord tal-Appell li t-trade marks ikkontestati ma kellhomx karattru

distintiv. Il-Qorti Ġenerali tikkonstata li dan l-argument jirriżulta minn **qari żbaljat** tad-deċiżjonijiet ikkontestati u tispeċifika li l-Bord tal-Appell ma ċaħadx il-kliem « THINK DIFFERENT » mill-karattru distintiv tiegħu, iżda attribwixxa lilu karattru distintiv pjuttost dgħajjef.

Il-Qorti Ġenerali tirrileva li, kuntrarjament għal dak li tallega Apple, il-konklużjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar il-karattru distintiv tat-trade marks ikkontestati **ma humiex kontradetti minn sensiela ta' provi** intiżi li jstabilixxu l-użu ġenwin tagħhom. Għalkemm huwa minnu li, fost il-provi tal-użu ġenwin prodotti quddiem l-EUIPO, hemm ħafna artikli tal-istampa li juru s-suċċess tal-kampanja pubbliċitarja intitolata « THINK DIFFERENT » fil-mument tat-tnedija tagħha fl-1997, l-imsemmija artikli tal-istampa **jippreċedu b'iktar minn għaxar snin il-perijodu rilevanti**.

Il-Qorti Ġenerali tikkonstata li **l-ebda ksur tad-dritt għal smiġh** ma jista' jiġi kkonstatat f'dan il-każ. Barra minn hekk, fil-fehma tagħha, il-Bord tal-Appell **immotiva b'mod suffiċjenti skont id-dritt** id-deċiżjonijiet ikkontestati fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk Apple kinitx ipproduċiet il-prova tal-użu ġenwin tat-trade marks ikkontestati.

NOTA: It-trade mark tal-Unjoni hija valida fit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea u tikkoeżisti mat-trade marks nazzjonali. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni għandhom jiġu indirizzati lill-EUIPO. Jista' jiġi ppreżentat rikors kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem il-Qorti Ġenerali.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha. L-appell ser ikun suġġett għall-proċedura ta' ammissjoni preliminari. Għal dan il-għan, flimkien mal-appell għandu jkun hemm talba għal ammissjoni li tesponi l-kwistjoni jew il-kwistjonijiet importanti mqajma mill-appell għall-unità, għall-koerenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

